Domandi preliminari

1) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 4(3) TUE, 325 TFUE u [tad-] Direttiva 2006/112 ([1]), li jimponu l-obbligu ta' assimilazzjoni fuq l-Istati Membri fir-rigward tal-politiki ta' sanzjoni, jista' jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-promulgazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi li n-nuqqas ta' ħlas tal-VAT huwa kriminalment punibbli meta l-ammont jaqbeż limitu espress f'valur montetarju ogħla minn dak stabbilit għan-nuqqas ta' ħlas tat-taxxa diretta fuq id-dħul?

2) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 4(3) TUE, 325 TFUE u [tad-] Direttiva 2006/112, li jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprevedu sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati sabiex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, jista' jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-promulgazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li teżenta minn sanzjoni lill-persuna akkużata (kemm jekk hija tkun amministratur, rappreżentant legali, delegat biex jeżerċita funzjonijiet ta' natura fiskali jew persuna li kkontribwixxiet għall-ksur) meta l-entità li għandha personalità ġuridika li magħha l-persuna akkużata hija marbuta għamlet il-ħlas tardiv tat-taxxa u tas-sanzjonijiet amministrattivi dovuti fir-rigward tal-VAT, minkejja li l-kontroll fiskali diġà seħħ u minkejja li tressqu proċeduri kriminali, ġew ifformulati l-akkużi u ġie kkonstatat li l-persuna akkużata ġiet debitament informata bl-akkużi fil-kuntest tal-proċeduri u dan sad-dikjarazzjoni tal-ftuħ tal-proċeduri f'sistema li ma timponi, fuq l-imsemmi amministratur, rappreżentant legali jew fuq id-delegati tagħhom u fuq il-persuni li kkontribwixxew għall-ksur, ebda sanzjoni oħra, anki amministrattiva?

3) Il-kunċett ta' frodi previst fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni PFI għandu jiġi interpretat fis-sens li għandu jiġi kkunsidrat li dan il-kunċett ikopri wkoll l-ipoteżi ta' nuqqas ta' ħlas, ta' ħlas parzjali jew tardiv tat-taxxa fuq il-valur miżjud u, konsegwentement, l-Artikolu 2 tal-konvenzjoni ċċitata iktar 'il fuq jimponi fuq l-Istat Membru jissanzjona permezz ta' pieni ta' priġunerija n-nuqqas ta' ħlas u l-ħlas parzjali jew tardiv tal-VAT għal ammonti li jaqbżu EUR 50 000?

Fil-każ ta' risposta negattiva, wieħed għandu jistaqsi jekk ir-rekwiżit tal-Artikolu 325 TFUE li jimponi fuq l-Istati Membri jimponu sanzjonijiet, inklużi kriminali, dissważivi, proporzjonati u effettivi, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta mir-responsabbiltà kriminali u amministrattiva lill-amministraturi u lir-rappreżentanti legali tal-persuni ġuridiċi jew lid-delegati tagħhom u lill-persuni li kkontribwixxew għall-ksur, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, ta' ħlas parzjali jew tardiv tal-VAT għal ammonti minn 3 sa 5 darbiet ogħla mil-limiti minimi stabbiliti f'każ ta' frodi, li jammontaw għal EUR 50 000?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

Appell ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2015 minn Alain Laurent Brouillard mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fl-14 ta' Settembru 2015 fil-Kawża T-420/13, Brouillard vs Il-Qorti tal-Ġustizzja

(Kawża C-590/15 P)

(2016/C 048/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Alain Laurent Brouillard (rappreżentant: P. Vande Casteele, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

— tiddikjara l-appell fondat u tannulla s-sentenza tal-14 ta' Settembru 2015 (T-420/13);

— tannulla l-ittri tal-5 ta' Ġunju 2013 li permezz tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tistieden lil IDEST Communication SA, minn naħa, sabiex tissottometti offerti fil-kuntest tal-proċedura nnegozjata ta' għoti tal-kuntratti fid-dawl tal-konklużjoni tal-kuntratti-qafas għat-traduzzjoni ta' testi legali ta' ċerti lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea lejn il-Franċiż (ĠU 2013/S 047-075037) u, min-naħa l-oħra, tikkonferma li l-appellant ma kienx imqabbad għall-provvista ta' servizzi li hija s-suġġett tal-kuntratt.

Aggravji u argumenti prinċipali

1. Fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi għat-traduzzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qieset li l-appellant ma setax jiġi aċċettat bħala subappaltatur ta' kumpannija mistiedna tissottometti offerta minħabba li "[…] id-diploma li [kien] kiseb mill-Università ta' Poitiers (master fil-liġi, ekonomija, amministrazzjoni, għall-finijiet professjonali, dritt privat, bi speċjalizzazzjoni għall-ġuristi lingwisti), minkejja li kieket tikkostitwixxi diploma fil-livell ta' master 2, ma kinitx turi taħriġ legali komplut" u li "din l-evalwazzjoni [kienet] konformi ma' prattika stabbilita tal-unità ta' traduzzjoni tal-lingwa Franċiża, li tqis li t-taħriġ ta' 'ġurista lingwista' propost mill-Università ta' Poitiers (master 2) ma huwiex taħriġ legali li jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-punt III.2.1 tal-avviż ta' kuntratt", peress li huwa speċifikat li "l-metodu ta' ksib tad-diploma ('VAE', jiġifieri validazzjoni tal-kisba tal-esperjenza) ma kellu l-ebda impatt fuq l-evalwazzjoni […]".

2. L-appellant jallega ksur tal-prinċipji ġenerali tal-ugwaljanza, tal-libertà ta' stabbiliment, tal-moviment liberu tal-ħaddiema, tal-libertà ta' provvista ta' servizzi, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-Artikoli 14, 15, 16, 20, 21, 51 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tal-Artikoli 45, 49, 51, 56 u 57 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tad-dritt għall-edukazzjoni u għall-istruzzjoni, kif ukoll żball ta' liġi u eċċess ta' poter.

3. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li ma kienx hemm "indħil" fid-drittijiet u l-libertajiet iċċitati iktar 'il fuq. L-iżball ta' liġi huwa iktar u iktar stabbilit peress li l-appellant għandu kwalifiki li huma intiżi, essenzjalment, għall-provvista ta' servizzi ta' traduzzjoni legali. Il-Qorti tal-Ġustizzja, barra minn hekk, minn tal-inqas "indaħħlet" fid-dritt tal-appellant milli jibbenefika mill-istudji segwiti bħala avukat u bħala traduttur Universitarju.

4. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi wkoll u kisret id-dritt tal-Unjoni meta qieset li l-awtorità kontraenti ma kinitx obbligata li tagħmel paragun minħabba l-fatt li d-Direttiva 2005/36 ([1]) ma kinitx tapplika u li, għaldaqstant "l-appellant ma setax jistrieħ fuq il-ġurisprudenza dwar ir-rikonoxximent tad-diplomi sabiex isostni li, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tieħu inkunsiderazzjoni kwalifiki u esperjenza oħra tal-appellant".

5. Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi ieħor meta qieset li l-awtorità kontraenti setgħet ġustament ma tiħux inkunsiderazzjoni d-diploma ta' "master fil-liġi" (Bac + 5), mogħtija fi Franza, u dan "fid-dawl tad-diversi diplomi disponibbli fil-Belġju u fi Franza qabel u wara r-riforma tal-2004 li tarmonizza d-diplomi tal-edukazzjoni superjuri fl-Ewropea".

6. Il-ksur tal-libertajiet fundamentali u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ċċitati iktar 'il fuq, meħuda weħidhom jew flimkien mal-prinċipji ta' proporzjonalità, jirriżulta wkoll mill-fatt li d-deċiżjoni sabiex l-appellant jiġi eskluż kienet ġiet adottata mingħajr ma ttieħdu inkunsiderazzjoni d-diplomi, iċ-ċertifikati u l-kwalifiki l-oħra u l-esperjenza professjonali rilevanti tiegħu u mingħajr ma ġew ipparagunati l-kwalifiki akkademiċi u professjonali pprovduti minnu ma' dawk rikjesti mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.

([1]) Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, p. 22).